# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 15 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru : 322/2016 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**Transmec Services Limited (C6952)**

**VS**

**Peter Caruana u Katia Carmen Caruana**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Transmec Services Limited tal-21 t'April 2016 li jaqra hekk:

> *1.“Illi permezz ta' skrittura privata datata 8 ta' Gunju 2012 iffirmata bejn is-socjeta' attrici, is-socjeta' Caruana Constractive Company Limited u l-konvenuti (anness Dok. 'TS1') il-konvenuti Peter u Katia Carmen konjugi Caruana kienu ikkostitwew rwiehhom bhala garanti solidali tas-socjeta' Caruana Constractive Company Limited a favur is-socjeta' attrici ghall-ammont ta' €65,123.39, flimkien mal-imghax relattiv, riferibbilment ghall-vertenza formanti l-mertu tal-kawza fl-ismijiet Transmec Services Limited v. Caruana Constractive Company Limited, Rikors Guramentat Numru 483/2012.*

*2.Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Dicembru 2013, f1-ismijiet Transmec Services Limited v. Caruana Constractive Company Limited Rikors Guramentat Numru 483/2012 (anness Dok. 'TS2'), wara li kien sar pagament akkont, is-socjeta' esponenti kienet giet kanonizzata kreditrici tas- socjeta Caruana Constractive Company Limited fl-ammont ta' €55,575.39, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament u l-ispejjez gudizzjarji fl-ammont ta' €2,812.39 hekk kif jirrizultaw mill-annessa taxxa (anness Dok. 'TS3').*

*3.Illi minkejja l-ottjeniment tal-imsemmi titolu ezekuttiv da parti tas-socjeta' attrici u minkejja dak maqbul permezz tal-precitata skrittura privata, baqa' ma sar l-ebda pagament ulterjuri.*

*4.Illi in oltre, ai termini tal-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili, is-socjeta' attrici hija intitolata tikkapitalizza l-imghax li ilu maghluq aktar minn sena fuq l-imsemmija sorte u spejjez gudizzjarji.*

*5.Illi l-imghaxijiet, fuq is-sorte kanonizzata permezz tal-precitata sentenza u 1-ispejjez gudizzjarji relattivi, li ddekorrew ,tu1 i1-perijodu bejn is-6 ta' Dicembru 2013 (id-data tas-sentenza ottjenuta fil-konfront ta' Caruana Constractive Company, Limited), d-19 ta' April 2015 (data li tigi aktar minn sena qabel il-prezentata ta' dan ir-Rikors Guramentat) jammonta ghal €6,385.86 (vide anness prospett Dok. 'TS4').*

*6.Illi l-konvenuti, bhala garanti solidali tas-socjeta' Caruana Constractive Company Limited ai termini tal-precitata skrittura privata datata 8 ta'Gunju 2012 (anness Dok. 'TS1'), huma ghalhekk debituri tas-socjeta attrici fl-imsemmi ammont ta' €55,575.39 rapprezentanti sorte kanonizzata ai termini tal-precitata sentenza, €2,812.39 rapprezentanti spejjez gudizzjarji skond l-annessa taxxa (anness Dok.'TS3') u €6,385.86 rapprezentanti imghax fuq l-imsemmija zewg ammonti, bejn is-6 ta'Dicembru 2013 u d-19 ta'April 2015, ghal total komplessiv ta' €64,883.64.*

*7.Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici u, fil-fehma tas-socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill- artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.*

*8.Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti.*

*9.Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

*10.Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta' attrici titlob bir-ripett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni:*

*1.Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta'l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2.Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bhala garanti solidali tas-socjeta' Caruana Constractive Company Limited ai termini tal-precitata skrittura privata datata 8 ta'Gunju 2012 (anness Dok.'TS1'), sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' €64,883.64 rapprezentanti, in kwantu ghal €55,575.39 sorte kanonizzat ai termini tas-sentenza fl-ismijiet Transmec Services Limited v. Caruana Constractive Company Limited, datata 6 ta' Dicembru 2013, Rikors Guramentat Numru 483/2012 (anness Dok. 'TS2'), in kwantu ghal €2,812.99 rapprezentanti spejjez gudizzjarji skond l-annessa taxxa (anness Dok. 'TS3') u €6,385.86 rapprezentanti imghax fuq l-imsemmija zewg ammonti konteggjat bejn is-6 ta' Dicembru 2013 u d-19 ta' April 2015 skond il-prospett anness Dok.'TS4'.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 511/2016, oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri b'effett mill-20 ta' April 2015, sal-lum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ Joseph Camilleri rapprezentant ta’ Transmec Services Limited (a fol. 4 et seq.);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-11 ta’ Mejju 2016 (a fol. 19) fejn il-kontendenti qabblu li t-talba tigi ridotta ghas-somma ta’ wiehed u sittin elf tlett mija wiehed u sittin Ewro u disgha centezmi (€61,361.09);

Rat in-nota t’ammissjoni ta’ Peter Caruana et tal-11 ta’ Mejju 2016 (a fol. 20) fl-ammont ta’ wiehed u sittin elf tlett mija wiehed u sittin Ewro u disgha centezmi (€61,361.09) ;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Joseph Camilleri,** rapprezentanti tas-socjea rikorrenti, xehed permezz a' affidavit a fol 15 – 16 illi permezz tal-iskrittura privata ta-8 ta' Gunju 2012, l-intimati Caruana kienu kkostitwew rwiehom bhala garanti solidali as-socjeta Caruana Constractive Company Limited a favur tas-socjeta rikorrenti ghall-ammont ta' €65,123.39 flimkien mal-imghax relattiv.

Kompla illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet Transmec Services Limited vs Caruana Constractive Company Limited deciza fis-6 ta' Dicembru 2013, wara li kien sar pagament akkont, is-socjeta rikorrenti kienet giet ikanonizzata kreditrici tas-socjeta Caruana Constractive Limited fl-ammont ta' €55,575.39, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv u l-ispejjez gudizzjarji fl-ammont ta' €2,812.39. Spjega illi minkejja din is-sentenza ma saru l-ebda pagamenti mis-socjeta msemmija jew mill-intimati u kien ghalhekk li -socjeta rikorrenti kellha tirrikorri ghal dawn il-proceduri. Zied illi l-imghaxijiet fuq is-sorte kanonizzat sad-19 ta' April 2015 jammonta ghal

€6,385.86, u ghalhekk l-ammont komplessiv dovut lis-socjeta rikorrenti sad-19 ta' April 2015 huwa ta' €64,883.64.

Fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2016 is-socjeta rikorrenti irriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' €61,361.09, u t-talba hekk ridotta giet ammessa mill-intimat permezz ta' nota ezebita in atti a fol 20.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna lill-intimati in solidum bhala garanti solidali tas-socjeta Caruana Constractive Company Limited sabiex ihallsu s-somma ta' wiehed u sittin elf, tliet mija u wiehed u sittin Ewro u disgha centezmi (€61,361.09), bl-imghax mill-20 ta' April 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**